**11 ta' Frar, 1967**

**Imħallef:**

**Onor. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

**Dottor Biagio Giuffrida**

*versus*

**Vivian De Gray noe**

**Degriet — Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, tal- — Ġurisdizzjoni Kriminali — Proċedura Ċivili, Kriminali — Challenge.**

*Il-ġurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati Ċivili hija nettament distinta minn dik tal-Qrati Kriminali, u dawn ma għandhomx u ma jistgħux jintrommettu ruħhom fl-isfera ta' attività tal-Qrati Kriminali ħlief fejn talvolta speċifikament awtorizzati b'liġi speċjali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni fi bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn; illi f'erbatax (14) ta' Ġunju, elf disgħa mija sitta u sittin, "challenge" promoss mill-attur kontra l-kummissarju tal-Pulizija, ġie deċiż; u premess illi meta ġie preżentat ir-rikors ta' dan iċ-challenge ġie ndikat il-Maġistrat Debono bħala l-Maġistrat li kien imissu u li kellu jieħu konjizzjoni tiegħu; u premess illi mingħajr ebda preavviż jew appuntament ġie deċiż minn Maġistrat ieħor, ad insaputa ta' l-attur; talab li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi l-attur ġie privat minn

dritt lilu mogħti mil-liġi u ċioè li jkun jista' jirrikuża l-ġudikant, u dana jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' dritt li għandhom il-partijiet fil-kawża u hekk l-attur u li in konsegwenza, dina l-Qorti tiddikjara null u irritu d-digriet fl-ismijiet "Dottor Biagio Giuffrida versus Vivien De Gray Kummissarju tal-Pulizija", tal-14 ta' Ġunju, 1966 emess mill-Qrati tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta billi l-attur ġie prekluż milli jagħmel użu minn kull dritt li seta' kellu in forza tal-artikolu sebgħa mija ħamsa u tletin u sebgħa mija u erbgħin (735, 740) tal-Kap XV tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta. Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine (fol. 6 tal-proċess) li biha qal: Illi din l-azzjoni intentata mill-attur hija bla fondament ġuridiku għaliex ma hijiex bażata u awtorizzata minn ebda dispożizzjoni tal-liġi. Din il-Qorti ma għandiex il-poter li tannulla u tirrevoka s-sentenzi u d-digrieti mogħtijin mill-Qrati tal-Pulizija Ġudizzjarja;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet l-Avukati;

Ikkunsidrat:

It-talba tal-attur hija intiża biex dik il-Qorti tissindika l-operat tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

L-Art. 2 tal-Kap. 15 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta jikkonferixxi lill-Qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili l-ġurisdizzjoni esklusiva f'materji ċivili.

L-art. 3 tal-Kap. 12 tal-Edizzjoni Riveduta jiddisponi:

"(1) Kull reat inissel azzjoni Kriminali u azzjoni ċivili.

(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem *il-Qorti ta'* ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab pena kontra l-ħati.

(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li *ssir bir-reat*".

Kull fejn il-Kodiċi Kriminali ried illi xi *dispożizzjonijiet* tal-Proċedura Ċivili jiġu estiżi għal proċeduri kriminali, qalu espressament, bħal meta fl-Art. 380 adotta r-regoli tal-Art. 735 Proċ. Ċiv., fl-Art. 458 adotta l-kontenut tal-Art. 10. Proċ. Ċiv. u fl-Art. 513 u 641 adotta għal proċedura Kriminali diversi dispożizzjonijiet oħra ta' proċedura ċivili.

Fejn ma ntqalx espressament il-liġijiet ta' proċedura ċivili ma humiex applikabbili għal proċeduri kriminali (Ara: Kollez. Vol. XV 157; La Polizia v. Busuttil e Savona, u Vol. XXXII, iv, 646: P.L. Edoardo Frendo v. Onor. Dr. Louis Galea nomine).

Mill-fuq espost jitnissel illi l-isfera ta' attività ordinarja tal-Qrati Ċivili u għalhekk il-ġurisdizzjoni ordinarji tagħhom, hija nettament distinta minn dik tal-Qrati Kriminali, u illi dawk ma għandhomx u ma jistgħux jintromettu ruħhom fl-isfera ta' attività ta' dawn, ħlief jekk u fejn talvolta espressament u speċifikament awtorizzati minn xi liġi speċjali biex jeżerċitaw xi funzjonijiet partikolari attribwiti lilhom u bil-proċeduri hemm ammessi.

Kieku ma kienx hekk kienet tkun għal kollox inutili l-organizzazzjoni proċedurali distinta *tal-Qrati Ċivili u tal-Qrati* Kriminali, u l-ġurisdizzjoni separata tad-diversi Qrati. Kien

ikun possibili illi s-sentenzi, digrieti u provvedimenti mogħtija mill-Qrati Kriminali fi kwalunkwe istanza, jiġu riveduti u sindakati mill-Qrati Ċivili fil-kors normali tal-ġurisdizzjoni ordinarja tagħhom — ħaġa ovvjament mhux intiża mil-liġijiet ta' proċedura.

Ikkunsidrat:

Hija espressament attribwita lill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Art. 535 Kap. 12) il-konjizzjoni ta' proċedura konnessi ma każi ta' "challenge" meta l-Pulizija Esekuttiva ma tieħux passi rigward xi denunzja, rapport, jew kwerela.

Id-digriet mogħti minn dik il-Qorti in konnessjoni maċ-"challenge" in kwistjoni, u li l-attur qiegħed jipprova jimpunja, ġie mogħti minnha appuntu bħala emanazzjoni tal-funzjonijiet fdati lilha mill-Kodiċi Kriminali, u kien bħala Qorti Kriminali li dik il-Qorti nvestiet ruħha mill-proċeduri relativi u ddeliberat.

Il-proċedura adoperata mill-attur fil-kawża preżenti ma tippermettix illi din il-Qorti tinvadi t-territorju ġuridiku tal-Qorti Kriminali biex tissindika, tirrivedi jew tannulla l-operat tagħha.

*Għal dawn ir-raġunijiet:*

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine u *tilliberah mill-ġudizzju*, bl-ispejjeż kontra l-attur.